MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 218/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Vs**

**Anthony u Adeodata mizzewgin Cascun**
**(ID nri 68149M u 770251M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx ikunu kkundannati li jhallsu lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ ghaxart elef, disgha u tletin Ewro u hamsin centezmu (€10,039.50) ekwivalenti ghall-erbat elef, tlett mija u disgha liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm4,309.96) bilanc ghad-debitu fil-“Overdraft Accounts” tal-konvenuti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A1 sa A16) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-15 ta’ Mejju 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikat u cioe Dok B, partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Anthony u Adeodata mizzewgin Cascun (a) naqsu milli jhallsu l-pagament dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fis-27 ta' Marzu 2008 (Dok C) u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentant kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-annessi dokumenti a fol 2 sa fol 27 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-istess konvenuti a fol 34 ibid u li biha <u>ammettew</u> it-talbiet attrici, kif dedotti mill-istess rikors.

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess rikors u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' €10.039.50 bl-imghax ultejuri mill-15 ta' Mejju 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ts-27 ta' Marzu 2008 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tas-26 ta' Mejju 2008.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------